MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 993/1997/1

Rikors Numru:  993/97

Dr. Emmanuel George Cefai LL.D.
vs
Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Ministru tal-Ambjent u l-Awtorita` tal-Ippjanar u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2000 gie kjamat fir-rikors d-Direttur Generali tax-Xogholijiet

Illum 20 ta' Lulju, 2004.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent in-Nutar Emmanuel George Cefai fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u precizament fiz-zmien ossija zminijiet hawn taht indikati huwa sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn permessi tal-bini bi pregudizzju ghalih kif ukoll bi zvantagg serju u gravi            ghalih.

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu:

1. Illi huwa s-sid ta’ porzjonijiet mit-terran msejjah “It-Taflija” sive “ta’ Hajt il-Wied” li jinsab kontrada omonima, limiti taz-Zejtun gia’ ukoll limiti taz-Zabbar Malta muri l-intier tal-istess territorju fuq il-pjanta taht riferita u markata Dokument “A”.

2. Illi dan it-terran ghandu faccata fuq it-triq pubblika huwa servut bis-servizzi kollha mehtiega u jikkwalifika ghall-bini edilizju.

Dan it-terran sahansitra diga fih bini ezistenti fuq diversi partijiet tieghu u jinsab fuq in-naha tar-rahal taz-Zejtun fejn u f’liema direzzjoni f’dawn l-ahhar tletin sena saret l-espansjoni tal-bini u fejn hemm l-indikazzjonijiet kollha li ghandha tkompli ssir din l-espansjoni.

Dan aktar w aktar meta t-terran msemmi oltre li hu moqdi bis-servizzi jinsab moghni b’art moghxa u catta li tippresta ruhha bhala l-ahjar tip ta’ terran fiziku fil-Gzejjer Maltin kollha fejn jsir il-bini minghajr diffikulta`.

Illi l-bini miexi fid-direzzjoni tat-terran msemmi minn zewg direzzjonijiet wahda dik diga deskritta w ohra minn naha msejjha “ta’ Ciantar” f’liema naha saru estensjonijiet u binjiet ingenti u harget l-linja tal-izvilupp li tigi ftit boghod mit-terran tar-rikorrent.

Illi originarjament l-artijiet “ta’ Ciantar” ma kienux nkluzi fiz-Zona tal-Izvillupp qabel l-1989 u kien sar xi bini fuqhom bis-sahha tal-Att tal-Building Development Areas tal-1983.

Illi ghalhekk fil-kaz tal-artijiet ‘ta’ Ciantar” fl-opinjoni tar-rikorrent donnu jidher li kien hemm tlett kriterji li fl-opinjoni tal-Amministrazzjoni precedenti ikkwalifikaw l-istess terran ghall inkluzjoni fiz-zona ta’ zvilupp meta qabel l-istess artijiet ma kienux nkluzi fl-istess.

Dawn il-kriterji jidhru li kienu:

a. Qrubija ghas-servizzi kif ukoll - ghalkemm mhux adjacenti u f'certu distanza qrubija relattiva ghall-eqreb Linja ta' zvillupp li kienet dik tan-nofsinhar ta' Haz-Zabbar.

b. L-artijiet msemmija kienu jikkwalifikaw in parti ghall-bini fuqhom skond l-Att tal-1983 dwar Building Development Areas u

c. It-toroq fl-istess huma prolungament ta' triq pubblika ezistenti li maghha qabel l-inkluzjoni kien hemm xi bini diga mibni.

Illi dawn it-tlett kriterji lkoll japplikaw ghat-terran tar-rikorrent f'Hajt il-Wied limiti taz-Zejtun Malta.
Minkejja dan kollu l-Amministrazzjoni precedenti dehrilha illi filwaqt li tinkludi lill "Ta' Ciantar" fl-iskema tal-Izvilupp waqfet din l-iskema s'hemm w esklussivament biex b'mod diskriminatorju t-terran tar-rikorrent ghalkemm xejn inferjuri ghall "ta'Ciantar" jibqa' barra mill-Izvillupp.

Dawn huma fatti semplici li l-ebda argumentazzjoni psewdo-teknika ma tista' realment tinnega.

Li gara f'dan il-kaz kien bhal ma gara del resto fil-kazijiet l-ohra kollha b'mod ripetut, uniformi u diskriminatorju - li l-Amministrazzjoni precedenti b'mod jew iehor dehret li trid teskludi t-terran tar-rikorrent mill-Izvilupp w mill-vantaggi finanzjarji u xort-ohra li tali inkluzjoni ggib maghha.

Illi r-rikorrent sahansitra kien applika lill-Planning Areas Permits board permezz ta' zewg applikazzjonijiet separati fejn talab zvilupp fuq l-art in kwistjoni u dan l-izvilupp ghalkemm kien jikkwalifika pjenament skond il-ligijiet u policies vigenti f'dawk iz-zminijiet xorta wahda gie ingustament rifjutat mill-Planning Areas Permits board ta' dak iz-zmien.

Ghalhekk ma kinitx xejn sorpriza li meta r-rikorrent debitament ghamel is-sottomissjonijiet tieghu lill-Kumitat Selettiv tal-kamra tar-rapprezentanti fil-1989 r-rizultat kien - li filwaqt li artijiet ta' terzi fl-istess rahal gew nkluzi fl-Iskema tal-Izvilupp - anke sahansitra fejn din ma kienitx

qabel - r-rikorrent arbitrarjament thalla barra mill-Izvilupp mill-Amministrazzjoni msemmija.

4. Illi fil-fatt ir-rikorrent kien ghamel id-debiti sottomissjonijiet tieghu kif gia inghad w indika wkoll kif kellha ssir l-inkluzjoni relattiva mal-iskema tat-terran tieghu.

Illi r-rikorrent ghandu l-interess kollu li jassigura li l-proprjeta` tieghu tkun bl-istess valur ta’ terzi li gew nkluzi fl-Izvilupp biex b’hekk ma jkunx fi kwalsiasi zvantagg di fonte ta’ terzi.

Illi l-Awtorita` tal-Ippjanar tista facilment tohrog permessi lir-rikorrent fuq t-terran msemmi anke sahansitra permezz tal-prezenti Pjan ta’ Struttura.  U meta jigi ppubblikat il-Pjan Lokali relattiv dan it-terran ghandu jigi  muri bhala formanti parti mill-Building Development Area tar-rahal in kwistjoni.  B’hekk b’xi mod ingustizzja gravi tkun giet solvuta.

5. Illi ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jaghmel r-rikors odjern u jaddivieni ghall-prezenti Tribunal sabiex minghandu jottjeni dik-il-gustizzja li kienet giet lilu negata precedentement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.
Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex jisma’ u jaqta dan l-ilment skond Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji billi:

a. Jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew minn min mill-konvenuti l-ohra sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent tibda biex tohrog permessi ghall-izvilupp urban ai termini tal-Policy prezenti SET 12 tal-Pjan ta’ Struttura.

b. Jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew minn min mill-konvenuti l-ohra sabiex provizorjament u minghajr

pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent minnufih tohrog permessi minnha individwalment mitluba fuq l-istess terran in virtu` ta’ kwalsiasi policy ohra prezentement vigenti fil-Pjan ta’ struttura u

c. Jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew minn min mill-konvenuti l-ohra sabiex tinkludi ghall-izvilupp u fl-iskema tal-bini t-terran tar-rikorrent mal-hrug tal-Local Plan relattiv ghall-istess post u kif rikjest mill-istess rikorrent.
u alternattivament ghal dawn ir-rimedji ghandu jigi ordnat li jithallas kumpens lir-rikorrent skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta’ l-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin u ta’ l-Ambjent ghar-Rikors numru 993/97 li eccepew:

Illi huma ma humiex il-legittimi kontradittur f’din il-kawza stante illi huma ma ghandhom x’jaqsmu xejn ma l-ipprocessar u mad-decizjonijiet finali li jittiehdu dwar il-hrug jew iz-zamma ta’ permessi ta’ bini, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar li eccepiet:

Illi l-ilment tar-rikorrent hu fil-konfront ta’ l-iskemi li ghandhom jinbidlu biex l-artijiet tieghu jkunu jistghu jigu zviluppati. Fl-istess ilment ma jispecifikax ghal liema permessi qed jindika u l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tirriserva sottomissjonijiet ulterjuri wara tali nformazzjoni;

Fl-istess rikors jissemma rifjuti tal-PAPB ghal liema l-istess Awtorita` ma sussuceditx fir-responsabbilita` u ghal dan il-ghan ghandha tigi liberata mill-osservanza;

L-istess talbiet tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu ghar-ragunijiet fuq premessi kif ukoll abbazi ta’ l-Att I ta’ l-1992

li tistabilixxi kif wiehed jista japplika quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall-permessi bid-drittijiet ta' oggezzjonijiet minn terzi.

Ghar-rigward it-talba biex jigu nkluzi terreni ta' l-applikant fil-Pjanijiet lokali, l-istess procedura kif din tista' ssir inkluza b'konsultazzjonijiet pubblici, tista' biss issir skond l-artikoli 23 sa 29 ta' l-Att I ta' l-1992.

Ghaldaqstant ghandhom jigu michuda it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra d-digriet tal-25 ta' Jannar 2000 fejn it-Tribunal ordna l-kjamata fil-kawza tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet.

Ra r-risposta tieghu fejn eccepixxa:

1. Illi dak li qieghed jigi mitlub mir-rikorrent ma jistax jigi akkolt mill-eccipjent skond il-ligi u konsegwentement l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-eccipjent ma ghamel l-ebda ingustizja versu r-rikorrent u ghal din ir-raguni wkoll huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja. Id-decizjoni tal-PAPB fil-konfront tar-rikorrent kienet korretta.

4. Illi m'huwiex legalment possibli li dan it-Tribunal jordna l-area tar-rikorrent titqies bhala within the zone u inoltre, tali decizjoni ma tispettax lil dan it-Tribunal taht l-Artiklu 6 tal-Att VIII tal-1997. Hija decizjoni riservata ghall-Parlament

5. Illi fil-meritu jekk ir-rikorrent ippretenda li l-art tieghu tigi munita b'permess tal-bini dan l-ezercizzju ghandu jsir skond il-ligijiet u l-policies tal-lum. Huwa

ghandu jirregola ruhu skond l-Att tal-1992 billi jaghmel applikazzjoni idoneja u jhallas id-drittijiet relattivi u l-kaz jigi processat skond il-ligi. Hadd m'hu qed jzommu milli jaghmel hekk. F'kaz li dan it-Tribunal jhoss li ghandu l-poter li jidhol fil-meritu tal-hrug o meno tal-permess taz-zvilupp jigi sottomess li t-talba mghadha tigi michuda billi:-

i. L-art hija barra miz-zona ghal izvilupp
ii. Ir-rikorrent m'hux full time farmer u ma jahdimx iktar minn 20 tomna raba'
iii. L-izvilupp fik iktar minn 150m2 footprint.
iv. L-applikazzjoni ma tikkwalifikax taht l-policies fil-paragrafu 7.6 u SET 11 u BEN 2 u BEN 5.
v. L-applikazzjoni tmur kontra l-policies RCO 2, 3 u 4 u PLP 20.
vi. L-applikazzjoni tippregudika l-Local Plans

6. In oltre, fir-rigward tat-talba tieghu sabiex it-terran in kwistjoni jigi inkluz fil-local plans, l-Att I tal-1992 jirregola kif ghandha ssir il-procedura relattiva u hawn ukoll dan il-process jesorbita mill-gurisdizzjoni. Hadd m'hu qed jcahhad lir-rikorrent milli javalla ruhu minn xi drittijiet li jista' jkollu taht dan l-Att. Certament dan it-Tribunal m'ghandux l-poter li johrog Local Plans jew li jamendahom. Il-hrug u revizjoni ta' Local Plan hija materja delikata hafna li tinvolvi studju profond u l-ligi stess tistipula procedura partikolari dwar kif u meta jistghu jsiru sottomissjonijiet. Il-kuncett ta' town planning hija materja li tinvolvi hafna studju specjalizzati bhal ma huma:-

F. L-impatt MACRO fuq l-art
G. L-impatt MICRO fuq l-inhawi
H. L-effett fuq l-poplu in generali u fuq in-nies fl-inhawi
I. Is-servizzi li jigu necessitati bhal ma huma:-
i. Toroq
ii. Dawl
iii. Ilma
iv. Drenagg
v. Telephone

J. Id-densita taz-zvilupp u l-bzonnijiet kommunitarji bhal ma huma skejjel, playgrounds, ghasses, clinics, hwienet ecc.

Huwa ghalhekk li local plan jirrikjedi studju profond u jinvolvi hafna nies professjonali u specjalizzati. Minghajr l-ebda sinjal ta’ disrispett lejn dan it-Tribunal, dan huwa forum ta’ ligi u certament m’hux l-forum adatt sabiex jsir dan l-ezercizzju.

7. Illi effettivament dak li jitlob ir-rikorrent huwa li dan it-Tribunal jezercita l-poter li ‘ex lege’ gie mholli ghall-Awtorita` tal-Ippjanar taht l-Att I tal-1992 u ma jistax permezz ta’ rikors prezenti jitlob li d-decizjoni mehuda mill-Parlament dwar l-ischemes tkun soggetta ghar-revizjoni jew sindikar ta’ dan it-Tribunal liema ezercizzju f’kull kaz huwa vjetat taht l-Artiklu 5 (3) (a) u Part A tal-Ewwel Skeda ta’ l-Att VIII tal-1997.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza inkluzi n-noti ta’ osservazzjonijiet u r-risposti tal-partijiet ikkoncernati.

Ikkunsidra

Jinghad mill-bidu nett li mhuwiex il-kompitu ta’ dan it-Tribunal jessendika decizzjonijiet mehuda mill-Parlament taht l-Att numru I tal-1992 dwar skemi illi l-Parlament johrog minn zmien ghal zmien. Huwa kompitu ta’ dan it-Tribunal pero` li jezamina l-operat ta’ l-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jasal ghall-konkluzjoni saritx xi forma ta’ diskriminazzjoni kontra r-rikorrent fl-applikazzjonijiet minnu maghmula. Jkun opportun illi qabel ma jikkonsidra l-meritu, t-Tribunal jispjega xi termini illi mhumiex normalment uzati sabiex jifthiem ahjar il-process ta’ decizzjonijiet mehuda mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

Fil-kors ta’ din il-kawza jsemmu fost affarijiet ohra, termini bhala ‘adjacent building’ u ‘infil’ site. ‘Adjacent building’ hija dik il-propjeta` illi tmiss mat-triq jew ma bini esistenti mentri ‘infil site’ hija dik l-art mhux mibnija bejn xi

propjetajiet jew inkella ma tkunx aktar minn 100 pied bejn ‘outside development zone’ u xi skema. Issemmew ukoll policies ta’ l-Awtorita` maghrufa bhala B1 u SET II. Bl jsemmi li “development will not normally be permitted if the proposal is likely to have a deleterious impact on existing or planned adjacent uses because of visual intrusion or any of the characteristics which in the opinion of the Planning Authority will constitute bad neighbourliness.” SET II tistipula li “no form of urban development will be permitted outside existing and committed build up areas, and primary development area as designated in the structure plan, even where roads and public utilities are available. Permitted forms of non urban development outside such areas are restricted to categories referred to in paragraphs 7 to 6.” Dawn il-paragrafi jirreferu ghal kostruzzjonijiet ghal skopijiet agrikoli u li ma jkollhomx impatt fuq l-ambjent.

Ikkunsidra

Ir-rikorrent qed jilmenta illi z-zewg applikazzjonijiet tieghu maghmula quddiem l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar gew michuda ingustament aktar u aktar meta kien hemm applikazzjonijiet ohra fid-diversi inhawi ta’ Malta, ukoll barra z-zona desinjata ghall-izvillup li gew approvati.
Iz-zewg applikazzjonijiet principali tieghu igibu n-numri 1176/91 u 2201/92. L-applikazzjoni numru 1176/91 giet ipprezentata fil-25 ta’ Frar 1991 quddiem il-Ministeru tal-Izvillup tal-Infrastruttura ghal “terraced house in new building in Valley Road, Zejtun.” L-applikazzjoni giet rifjutata mill-Awtorita` tal-Ippjanar peress illi ma kien hemm ebda “adjacent building” fuq is-site plan. B’ittra datata Mejju 1993 ir-rikorrent ikkontesta din id-decizjoni u qal li fil-fatt kien hemm adjacent building, pero` l-MEPA ma kinitx ta’ l-istess ideja u kkonfermat id-decizjoni precedenti peress illi r-rifjut kien “…. Skond il-policies ta’ l-structure plan BEN 1 u SET II fejn allura l-applikazzjoni ma tikkwalifikawx ghall-konsiderazzjoni pozittiva.” A fol 135 hemm ir-ragunijiet tac-cahda peress illi principalment “site falls outside limits of development.” Ma saritx talba ghar-rikonsiderazzjoni mir-rikorrent.

Rigward l-applikazzjoni numru 2201/92 din giet ipprezentata fil-5 ta' Mejju 1992 quddiem il-Ministeru ghall-Izvillup ta' l-Infrastruttura. Ittiehdet decizjoni mill-istess dipartiment u saret talba ghar-rikonsiderazzjoni mill-MEPA mir-rikorrent. Il-MEPA wkoll kkunsidrat it-talba tar-rikorrent u waslet ghall-konkluzzjoni illi t-talba kellha tigi michuda peress illi l-art kienet "outside development zone." Victor Borg Fiorentino a fol 119 ikompli jzid illi l-art ma tikkwalifikax bhala adjacent building u lanqas bhala 'infil site'. Ir-rifjut definittiv hareg fl-24 ta' Novembru 1993 u l-proceduri dwar din l-applikazzjoni waqfu hemm (fol 120). Fil-kors tax-xhieda tieghu bhala ezempju ta' diskriminazzjoni kontra tieghu, r-rikorrent semma zewg applikazzjonijiet ohra, 3125/90 ghal sala tat-tigijiet u 3137/90 ghal shopping centre. Dak ta' l-ewwel gie rifjutat fit-2 ta' April 1991 gie rikonsidrat u michud ghal darba ohra fis-7 ta' Ottubru 1991. Saret applikazzjoni lis-select committee li, hawnhekk ukoll irrifjutat it-talba fit-28 ta' Lulju 1992 peress li t-talba ghar-rikonsiderazzjoni saret fuori termine.

L-applikazzjoni numru 3137/90 giet rifjutata fid-29 ta' April 1991 peress illli ma taqax taht il-policies b'rizoluzzjoni tal-kamra tad-Deputati tat-12 ta' Ottubru 1988. Ir-rikorrent kiteb fis-7 ta' Mejju 1991 s-select committee li ghall-istess ragunijiet bhal ta' qabel irrifjutat it-talba maghmula mir-rikorrent. Ir-ragunijiet principali li gew moghtija ghar-rifjut kienu l-propjetajiet ma kienux adjacent jew 'infil'. Huwa interessanti illi rigward s-shopping centre l-pjanti u l-applikazzjonijiet saru mill-ufficju ta' l-AIC Andre` Zammit u r-rifjut tat-8 ta' Awissu 1991 gie ffirmat mill-Perit Andre` Zammit innifsu bhala Chairman (fol 157).

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-applikazzjonijiet maghmula mir-rikorrent kollha jaqghu f'zoni rurali barra d-developments zones u d-decizzjonijiet mehuda mill-Awtoritajiet kompetenti ghar-rifjut tal-permess kienu legali u decizzjonijiet gusti fl-isfond tac-cirkostanzi taz-zmien illi ttiehdu. Fil-kors tal-kawza r-rikorrent qal illi kien hemm

diversi applikazzjonijiet madwar Malta ilkoll ‘outside development zone’ li gew approvati mill-Awtoritajiet. It-Tribunal ezamina dawn ic-cirkostanzi u ra illi apparti l-fatt li ittiehdu f’zoni differenti ghal dawk fejn applika r-rikorrent kollha ghandhom il-karatteristici specjali li ghal xi raguni jew ohra jiggustifikaw l-ghoti tal-permess. It-Tribunal innota wkoll li kien hemm kwantitajiet kbar ta’ permessi illi gew rifjutati ghall-istess ragunijiet illi gew moghtija lir-rikorrent.

Skond il-pjanti li gew esebiti mill-istess rikorrent jidher car illi l-artijiet qeghdin barra hafna miz-zona delineati bhala development zone. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-pjan ta’ struttura ghan-naha ta’ nofsinhar ghadu mhux konkjuz b’mod defenittivament u r-rikorrent jista’ jekk irid japplika sabiex artijiet barra l-pjan jigu meqjusa fil-pjan. Joe Farrugia illi ghandu rapprezentanza guridika tal-Awtorita` tal-Ippjanar jghid a fol 225 “Nikkonferma illi f’dan l-istadju (27/05/2003) ta’ l-izvilupp tas-South jistghu isiru rakkomandazzjonijiet minn diversi persuni u dan biex artijiet barra l-pjan jigu meqjusa fil-pjan, jistghu eventwalment jigu approvati u din hija talba li ghadu m’ghamiliex n-nutar (ir-rikorrent) tigi approvata u tigi mdahhla fil-pjan ta’ l-istruttura u dan ghadu in vigore sal-lum dan ghadu jista’ jsir sal-lum.” Fl-ahhar spicca biex qal illi l-pjan ta’ ristruttura japplika ghal kulhadd inkluz ir-rikorrent.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li minbarra l-fatt illi fl-isfond tad-decizzjonijiet mehuda fiz-zmien meta ttiehdu ma jidhirx illi saret xi forma ta’ diskriminazzjoni kontra r-rikorrent, f’dan l-istadju ma jidhirx illi ezawrixxa r-rimedji kollha lilu moghtija sabiex igawdi mid-drittijiet tieghu. Skond Joe Farrugia r-rikorrent ghadu fiz-zmien sabiex jaghmel applikazzjoni u jekk approvata, l-art tieghu tigi meqjusa fil-pjan ta’ l-istruttura. Dan fl-isfond ta’ l-Att numru I tal-1992. Sakemm ir-rikorrent jiehu dawn il-passi zgur ma jistax jinghad illi saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Rigward l-kwistjoni jekk l-Awtorita` tal-Ippjanar hijiex is-successur tal-bord ghall-permessi dwar area tal-pjan regolatur (PAPB) din hija issa kwistjoni

akkademika illi t-Tribunal ma jarax in-necessita` li jidhol fiha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi ma jara l-ebda forma ta' diskriminazzjoni ezercitata fil-konfront tar-rikorrenti fid-decizzjonijiet mehuda mill-intimati fid-diversi kompetenzi taghhom u ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------